**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 45 – 15 ta’ Frar 2018**

***Minuti tat-44 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar it-Tnejn 12 ta’ Marzu, 2018 fil-5:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta’ Haz-Zebbug iltaqa’ fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-5:30pm ta’ filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 45. Il-laqgha bdiet fil-5:40 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Viċi-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b’Apologija:** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works’ Co-ordinator |
| **Ufficċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**45.1 Qari tal-Ittri tal-Apologiji**

Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier Clive Azzopardi ma setax ikun prezenti ghal din il-laqgha.

**45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Gew imressqa zewg settijiet ta' minuti ghall-approvazzjoni.

- Is-Sindku Sarah Agius proponiet li l-minuti tal-laqgha ta' Jannar jigu approvati kif prezentati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Philip Said. Kien hemm qbil unanimu.
- Is-Sindku Sarah Agius proponiet li l-minuti tal-laqgha ta' Frar jigu approvati kif prezentati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Vernalise Scicluna. Kien hemm qbil unanimu.

**45.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

45.3.1 Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li l-mural ser jinbeda f'Lulju li gej. L-artist jixtieq li jkollu idea dwar x'ghandu jigi mpitter f'dan il-mural.

45.3.2 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li wara parir li nghatat minghand Transport Malta dwar il-problema li hemm fil-binja f'Dawret in-Nizla ta' San Pawl li qed tikkawza hsarat anke fit-triq, ghandhom isiru *double yellow lines* fil-kantuniera sabiex hadd ma jipparkja fejn hemm il-hsarat. Kien hemm qbil unanimu li jsiru dawn id-double *yellow lines.*

45.3.3 Is-Sindku Sarah Agius regghet gabet ghall-attenzjoni tal-Kunsill, il-bzonn li jigi ordnat madum ghall-Vjal il-Helsien. Dan minhabba li dak li kien ghad baqa, issa gie utilizzat kollu. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jsir dan li gej:

a. Nippruvaw naghmlu kuntatt mal-kuntrattur Sqalli sabiex naraw il-madum jistax jigi ordnat direttament minghandu.

b. Tintbaghat ittra lir-Ritemix

c. Niccekjaw ma’ kumpaniji lokali dwar jekk ghandhomx madum simili

45.3.4 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li zvilluppatur ta’ binja fi Vjal il-Helsien qed jitlob li jithallas il-garanzija ta’ Eur2000 lura, minhabba li issa huwa lest mix-xoghlijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kif il-kuntrattur kien diga gie nfurmat li din it-talba ghandha ssir permezz ta’ ittra u rapport minghand il-Perit tal-istess kuntrattur.

45.3.5 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li Transport Malta ser tkompli bit-tibdil tas-servizzi u ucuh godda fir Triq Karlu Gimach u Triq Filippu Grech.

45.3.6 Kbir hemm qbil unanimu li ghat-talba li saret min-naha ta’ sewwieq ghall-hsara li sofra fil-vettura tieghu, il-Kunsill ma johrog l-ebda spejjez. Dan ghaliex il-hofra kienet irrangata immedjatament x’hin kienet rapurtata.

45.3.7 Is-Sindku gabet ghall-attenzjoni ittra mibghuta mill-avukati tal-kuntrattur WM Environmental. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jinkariga lill-avukat tal-Kunsill sabiex jaghti r-risposta tieghu.

45.3.8 Kien hemm qbil unanimu li jigu kkuntatjat l-artist li hadem fuq il-gebla kommemorattiva li hemm Wied Qirda bil-poezija ta’ Dun Karm fuqha sabiex isir restawr fuqha minhabba li l-kliem ma jinqarax.

45.3.9 Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li l-Ajkla li tal-Pjazza ser tigi restawrata mid-Direttorat tar-Restawr liema restawr ser jinbeda fil-gimghat li gejjin.

**<u>45.4 Ghazla – Tender Gnien l-Infetti</u>**

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li fuq ir-rakkomandazzjoni tal-kumpanija Med Design u anke tal-board tal-Evalwazzjoni, l-kuntrattur li ghandu jintaghzel sabiex jaghmel ix-xoghol fi Gnien l-Infetti huwa Bava Ltd. ghall-prezz ta Eur137,941,06, Vat eskluz. Hija giet sekondata mill-Vici Sindku Alfred Grixti. Kien hemm qbil unanimu.

Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat lill-Kunsill li ser taghmel applikazzjoni mal-Planning Authority sabiex parti minn dan l-ammont jittiehed mid-Development Fund fi hdan l-istess Awtorita.

**45.5 Ghazla - Tender Skart Domestiku**

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni, li l-Kuntrattur li ghandu jintaghzel ghat-tender tal-Iskart Domestiku ghandu jkun Victor Borg abbazi li l-offerta tieghu hija *compliant* u hija wkoll l-irhas wahda. L-ammont huwa ta' Eur365,757,60. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Kien hemm qbil unanimu.

**45.6 Bieb de Rohan**

Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li saret l-applikazzjoni mis-Segretarju tal-Kunsill sabiex Bieb de Rohan jigi devolut lill-Kunsill mid-Dipartiment tal-Artijiet.

**45.7 Tender Resurfacing Rural Roads taht Measure 4.3**

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li meta jinhadmu il-BOQs mill-Med Design ghat-toroq imsemmija Triq tal-Hlas, Trejqet l-Ghollieq u Triq it-Troll, ser jinhareg it-tender fuq is-sis sistema tal-epps.

**45.8 Solar Cinema f'Misrah l-Isptar b'kollaborazzjoni mal-V18**

Il-Kunsill Lokali gie nfurmat li fil-15 ta' Mejju ser issir Solar Cinema gewwa Misrah l-Isptar. B'hekk f'dan il-misrah, f'certu hinijiet il-parkegg se jkun ipprojbit sabiex tittella din l-attivita.

**45.9 Traffic Island fi Triq Fra Ferd Mattei**

Wara diskussjoni, gie deciz li din it-traffic island tibqa kif inhi ghaliex din kienet twessghet minhabba l-ilmijiet li jinzlu minn go din it-triq.

**45.10 Fanali Rustici**

Gie maqbul li  jinxtraw zewg fanali ghal sqaq fi Triq il-Kandlora. Il-kwotazzjoni li ntbaghtet minghand il-Micamed hija daqsxejn gholja u ghaldaqstant ser jintalbu kwotazzjonijiet minghand kumpaniji ohra.

**45.11 Soft Area – Hal Mula**

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li saret talba lill-Lands minghand individwu sabiex soft area li tinsab biswit id-dar tieghu, jibda jiehu hsiebha hu. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjonii bil-patt u l-kundizzjoni li jsir soft landscaping biss u ma tintuza ghall-ebda skop iehor.

**45.12 Korsijiet Edukattivi – Ghaqal id-Dar u Robotica Nation**

Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru l-korsijiet tar-Robotica Nation u Ghaqal id-Dar. L-ispiza ta' Robotica Nation hija ta Eur1150.

**45.13 Estimi Finanzjarji 2018**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Kunsill li l-Accountant Paul Bugeja ma kienx ser jattendi ghal dik il-laqgha ghalkemm kien miftiehem mod iehor. Wara diskussjoni fi stadju ta' kumitat, gie deciz li dan l-item jerga jigi diskuss fl-agenda li jmiss. Ghandu jigi assigurat li l-accountant ikun prezenti ghal din il-laqgha.

**45.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku Sarah Agius prezentat il-vot tal-flus. Wara li gie diskuss, dan il-vot gie sekondat mill-Vici Sindku Alfred Grixti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan il-vot.

**45.15 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

45.15.1 Il-Kunsillier George Cortis ppropona li

a. issir wirja tal-ghasafar gewwa l-iskola

b. issir wirja taz-zwiemel

c. Tigi mxandra l-World Cup fuq Big Screen

d. Jigi mfakkar kull min ta l-kontribut tieghu sabiex saret l-istatwa ta' Santa Marija. Dwar dan il-punt il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni .

45.15.2 Il-Vici Sindku Alfred Grixti qal li xtaq jaghmel stqarrija dwar certu posts li qed jidhru fuq Facebook dwar il-kotba informattivi li tqassmu qabel l-elezzjonijiet tal-2012 u tal-2015. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal hu ser jitkellem waqt il-laqgħa tal-Kunsill sabiex jagħti twegiba uffiċċjali lil min qala' diversi qlajjiet u kitibhom fuq siti socjali li bħala punt ta' prinċipju hu ma weġibx għalihom għax, bħala Kunsillier, jagħti kont ta' għemilu fuq il-mejda tal-Kunsill u mkien aktar.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li l-popolazzjoni ta' Haz-Zebbug kienet dejjem dik ta' madwar 12,000 . Fl-2012 gew stampati 5,000 ktieb, filwaqt li fl-2015 gew stampati 4,500 ktieb. Dawn il-kotba saru minn fondi extra u mhux mill-allokazzjoni annwali li l-Gvern Ċentrali jgħaddi lill-Kunsill għall-operat tiegħu. Il-Viċi Sindku spejga li fl-2012 dan il-ktieb kien ġie finanzjat minn reklamar u tpartit (*barter agreements*). Dwar il-ktieb tal-2015 huwa qal li kien avviċina żviluppatur li kien għamle proġett kbir f' Ħaż-Żebbuġ u talbu biex jagħti lura xi ħaġa lir-raħal billi jisponsorja dan il-ktieb informattiv dwar ħidmet il-Kunsill matul il-leġislatur li kienet waslet biex tintemm, kif fil-fatt sar u b' hekk ma kien hemm l-ebda piz fuq il-Kunsill ta' wara.

Il-Viċi Sindku mbagħad għadda biex wieġeb billi kixef x' għamlu kontra l-interessi tal-Belt Rohan uħud minn dawk li kitbu fuq din il-materja fil-midja soċjali

-  Dwar dak li kiteb is-Sur Nazju Abela, is-Sur Grixti qed wieġeb billi jistaqsih jekk hux vera li minn wara dahar kulhadd, ġos-sala ta' dik li kienet l-Iskola Sekondarja, huwa daħħal skola taz-zfin sabiex tagħti l-lezzjonijiet hemmhekk, minghajr ma ntaghlab il-kunsens ta' hadd u b 'detriment għall-għaqdiet l-oħra kollha ta' Ħaż-Żebbuġ għax din ingħatat lil din l-isola taż-żfin b' mod esklussiv?
-  Dwar dak li kiteb lil Michael Bonnici, il-Vici-Sindku Alfred Grixti stqarr li huwa qatt ma qabad għalqa tal-Gvern u għamilha proprjetà tiegħu.
-  Dwar dak li kiteb l-On. t-Tabib Godfrey Farrugia,
    1. il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li bejn l-1 t' April 1997 u s-26 t' April 1997 saret ir-*roundabout* fi Triq Sciortino, meta t-Tabib Farrugia kien Sindku. Id-deskrizzjoni tal-kuntratt ma tinstab imkien, pero dejjem kien jintqal li l-muzajk l-antik kien inqala' mhux sar il-*creteprint* fuqu. Madanakollu meta fi Frar 2015 saret trinka sabiex jinghadda l-*cable* tad-dawl minn taht l-istess roundabout, il-muzajk l-antik kien ghadu fil-post. Jiġifieri l-ħlas sar biex jinqala' l-mużajk iżda l-mużajk ma nqalax.

    2. Dwar Bieb de Rohan il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li dan kien gie inawgurat fis-17 ta' Gunju 1995 u l-ispiza telghet ghal LM11,827.98. Meta wiehed jikkonsidra l-gholi tal-hajja, dan l-ammont illum jiswa Eur43,000. Is-Sur Grixti qal li l-Onorevoli Farrugia jrid jitfa t-tajn fuq haddiehor meta l-verità hi li tant sar xoghol tajjeb taħt is-Sindku t-tabib Farrugia li ir-restawr ta' Bieb De Rohan kellu jerga' jsir fl-2016 – 17, jiġifieri anqas minn 25 sena wara s-suppost restawr li tant kien ftaħar bih it-Tabib

Farrugia – u issa dan irid jikkritikani li ma bżzajtx għal flus il-poplu, żied jgħid is-Sindku!

3. Fl-aħħar nett, il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li meta sar il-bini mill-gdid ta' Vjal il-Helsien, sar xi tibdil fil-pendil u iccaqalqu xi qieghan. L-On. Farrugia qal li saret xi hsara fil-proprjetà tieghu. Il-Vici Sindku fakkar li dak iż-żminel-On. Farrugia pretenda li jithallas madwar Eur50,000 ta' dawn il-hsarat u dan billi l-Kunsill jaċċetta dan l-ammont hekk kif preżentat mit-Tabib Farrugia mingħajr ma jagħmel il-verifiki u l-aċċertazzjonijiet meħtieġa. Is-Sur Grixti kompla jgħid li dawk il-membri li kien fil-Kunsill dak iż-żmien jiftakru u jikkonfermaw li l-Kunsill m'accettax din it-talba u daħal il-Qorti mat-Tabib Farrugia u l-ġar tiegħu s-Sur Agius li, kumbinazzjoni, kien ukoll qed jippretendi ħals ta' € 50,000 Meta il-kaz kompla u kien car li l-Kunsill ser jibqa sod kemm l-On. Farrugia u kemm is-Sur Agius it-tnejn accettaw l-ammont ta' Eur10,000 kull wieħed li anki finalment ma kienx se jbatihom il-Kunsill imma l-kuntrattur u l-Perit għax dik kienet responsabbiltà tagħhom mhux tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku temm jgħid li dan kien eżempju ieħor ta' kif hu dejjem beża' għall-flus tal-Kunsill imma li min iħarbex fuq il-midja soċjali qisu l-pur u l-verġni għandu ħafna għa xhiex iwieġeb f' dan ir-rigward u li lilu żgur ma setax iħammarlu wiċċu.

## 45.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Din il-laqgha spiccat fit-8:20pm. Il-laqgha li jmiss ser issir fit-12 ta' April 2018 fis-6:00pm.

**Sarah Agius**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Ezekuttiv**